**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**-vs-**

**Axil James Busuttil**
**(ID 0473892(M))**

Illum, 13 ta' Lulju 2020

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Axil James Busuttil**, ta' 26 sena, iben Kevin u Sharon nee` Curmi, imwieled il-Pieta` fit-30 ta' Settembru 1992 u residenti ġewwa l-fond Block B, Flat 8, Triq San Franġisk Saverju, Birżebbugia, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0473892(M);

Akkużat talli nhar is-6 ta' Settembru 2019 għall-ħabta tal-16:10hrs ġewwa l-istabbiliment 'Sweet Shop', li jinsab ġewwa Triq San Ġwann, Birżebbugia:

1) Bil-ħsieb li jikkometti serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur, ta bidu b'atti esterni, għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu u dan bi ksur tal-Artikoli 279(a), 280(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U akkużat ukoll talli nhar is-6 ta' Settembru 2019 bejn l-16:15hrs u 16:30hrs ġewwa u fid-dintorni tal-istabbiliment 'Food Store Bay' li jinsab ġewwa Triq il-Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġia:

2) F'lok pubbliku, libes maskra jew bidel is-sura tiegħu, barra minn fiż-żmien u bil-mod li tippermetti l-liġi u dan bi ksur tal-Artikolu 338(n) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3) Talli ġarr strument li jaqta' u bil-ponta (muws) barra mill-fond li fih jirrisjedi ċioe` Blk B, Flat 8, Triq San Franġisk Saverju, Birżebbugia u d-dintorni tiegħu mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur ta' l-Artikoli 6 u 7(2) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex toħroġ Ordni ta' Trattament favur Axil James Busuttil ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża, kif ukoll f'każ ta' ħtija, ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti;

Rat illi fl-udjenza li fiha huwa tressaq quddiem din il-Qorti taħt arrest, nhar is-7 ta' Settembru 2019, l-imputat Axil James Busuttil irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni huwa kkonfermaha wara li l-Qorti, a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wissietu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerga' jikkunsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu, mingħajr riżerva kwalsiasi, inkluż tal-aggravji kollha marbuta mal-attentat tad-delitt li għalih tirreferi l-ewwel imputazzjoni. Fid-dawl ta' din l-ammissjoni tiegħu, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni, in kwantu t-tentattiv tas-serq aggravat bil-mezz u bil-valur, kif ukoll tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, b'dan madankollu illi minkejja tali ammissjoni mhijiex qed issibu ħati tal-aggravju tal-lok. Jirriżulta mill-atti illi l-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat

b'dan l-aggravju a bażi ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 269(d) tal-Kodiċi Kriminali u ċioe` illi:

> *"Huwa ikkwalifikat bil-"lok" is-serq li jsir –*
>
> ...
>
> *(d) f'maħżen jew f'tarznar tal-Gvern, jew f'lok ieħor ta' depożitu jew ta' rahan li qiegħed għall-kumdita` tal-pubbliku."*

Illi mill-atti ma jirriżultax illi l-lok huwa wieħed kif imfisser f'dan is-sub-artikolu tal-liġi. Anzi mill-isem stess tal-istabbiliment li fih ġie mwettaq it-tentattiv tas-serq ossia 'Sweet Shop', din il-Qorti jidhrilha illi huwa manifestament evidenti li dan mhuwiex lok li għalih jirreferi l-imsemmi sub-artikolu tal-Artikolu 269 appena ċitat. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati ta' tentattiv ta' serq b'din il-kwalifika, minkejja l-ammissjoni tiegħu.

Illi għaldaqstant, in vista tal-ammissjoni tal-imputat għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet *supra*, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' dawn l-istess imputazzjonijiet, ħlief għall-aggravju tal-lok li għalih tirreferi l-ewwel imputazzjoni.

Għal fini ta' piena, il-Qorti semgħet ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* Sarah K. Bezzina u rat kemm il-*Pre-Sentencing Report*, kif ukoll id-diversi rapporti mħejjija minnha fil-konfront tal-imputat wara li l-Qorti qegħditu taħt Ordni Temporanja ta' Superviżjoni. Minn dawn jirriżulta n-nuqqas lampanti ta' motivazzjoni u ta' impenn da parti tal-imputat sabiex huwa jegħleb il-vizzju tad-droga; vizzju li jidher li huwa wieħed sever u ta' periklu kemm għalih, kif ukoll għal dawk ta' madwaru. Jirriżulta di fatti mill-*Pre-Sentencing Report* illi l-imputat jabbuża minn diversi sustanzi lleċiti, fosthom *cannabis*, kokajina u erojina u li huwa ilu jagħmel dan mill-eta` tassew tenera ta' ħdax-il sena. Minkejja li huwa kellu diversi opportunitajiet matul is-snin sabiex jagħmel programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u daħal kemm il-darba ġewwa l-Isptar Monte Karmeli, huwa qatt ma ħa dawn l-opportunitajiet bis-serjeta`. Fiċ-ċirkostanzi u tenut kont tan-natura tal-imputazzjonijiet odjerni, il-fedina penali tal-imputat, kif ukoll l-attitudni tiegħu matul il-kumpilazzjoni tal-istess rapport, l-istess Uffiċjal tal-*Probation* irrakkomandat illi sentenza ta' priġunerija effettiva bil-kundizzjoni li jkompli jieħu l-għajnuna kontra l-vizzju tad-droga, għadha tkun waħda idonea għall-imputat u dan għaliex fil-fehma tagħha ikun għaqli li huwa jinżamm f'ambjent ikkontrollat.

Għal fini ta' piena, il-Qorti qegħda tqis ukoll l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proċeduri, kif ukoll il-fedina penali tiegħu, li għalkemm mhijiex waħda netta, lanqas ma hija allarmanti. B'dan ukoll illi qed tqis in oltre illi riċentement permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti kif diversement presjeduta tat-28 ta' Ġunju 2020, l-istess imputat instab ħati ta' ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu f'dawn il-proċeduri, bir-riżultat illi bħala parti mill-piena, ġie ordnat l-arrest mill-ġdid tiegħu.

Illi għaldaqstant, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet *supra* u fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti taqbel ma' dak li ġie rrakkomandat lilha mill-Uffiċjal tal-*Probation* u ċioe` illi piena ta' priġunerija effettiva fil-konfront tal-imputat hija piena idonea, bit-tama wkoll illi l-imputat jagħraf illi jeħtieġ li jaqbad triq oħra f'ħajtu u illi dan jista' jagħmlu primarjament billi jegħleb il-vizzju tad-droga.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(d), 31, 41(1)(a), 261(b) u (ċ), 263, 267, 278(2), 279(a), 280(2) u 338(n) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta Malta, qed issib lill-imputat Axil James Busuttil mhux ħati tal-aggravju tal-lok ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni u tilliberah minnu, fil-waqt illi fuq ammissjoni, qed issibu ħati tal-ewwel imputazzjoni in kwantu t-tentattiv tas-serq aggravat bil-mezz u bil-valur, kif ukoll tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet u tikkundannah għal piena ta' ħdax-il (11) xahar priġunerija effettiva – mil-liema għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa nżamm taħt arrest preventiv in konnessjoni mar-reati li tagħhom qed jinstab ħati permezz ta' din is-sentenza - u għal piena ta' multa fis-somma ta' mija u sittax il-ewro, sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47).

Il-Qorti tiġbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Ħabs illi l-ħati għandu l-vizzju tad-droga u illi jeħtieġ li jingħata l-għajnuna sabiex jegħleb dan il-vizzju.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi komunikata lid-Direttur tal-Ħabs.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat